Fit-Tribunal tal-Konsumatur

Maria Ceci

Vs

Edward Bugeja eżerċenti l-kummerċ bl-isem 'Little Stars'

CCT 194/24/CC

Illum 1 ta' April, 2025

It-Tribunal;

Ra t-Talba tal-attrici ipprezentata fit-2 ta' Settembru 2024, fejn talbet rifuzjoni ta' l-ammont ta' tlett mija u tmintax-il ewro, u hamsa u sebghin centezmu (€318.75c) rapprezentanti ammont imhallas minnha ghal stroller, mixtri minghand l-intimat.

Ra li l-intimat debitament notifikat bl-Avviz tat-Talba u tas-Smigh ta' din il-procedura, ipprezenta risposta, fejn giet ikkontestata t-talba avvanzata mill-attrici, ghar-ragunijiet elenkati fl-istess risposta.

Illi fis-seduti skedata ghal produzzjoni tal-provi tal-partijiet, deheret l-attrici u l-intimat assistit, li entrambi ipproducew il-provi taghhom, inkluz provi dokumentarji.

Ra l-atti kollha tal-kawza, inkluz id-dokumentazzjoni ipprezentata mill-attrici u mill-intimat.

Sema' l-attrici Maria Ceci, u lil Edward Bugeja kif ezercenti fil-kummerc bl-isem 'Little Stars' jixhdu bil-gurament fis-seduti tal-5 ta' Novembru 2024, u tat-28 ta' Jannar 2025.

Ikkunsidra ;

Illi jirrizulta li fit-18 ta' Awissu 2023 l-attrici xtrat minghand l-intimat Babystyle Egg Z Stroller ghal prezz totali ta' tlett mija u tmintax-il ewro, u hamsa u sebghin centezmu (€318.75c). L-attrici tispjega li madwar ghaxar xhur wara li hija xtrat din l-istroller, hija nnutat 'crack', u cioe tqaxxir fil-manku. L-attrici tispjega ulterjorment li hija kkuntatjat lil intimat, u ma ntlahaq l-ebda ftehim, b'dan li kellha tipprocedi b'din l-istanza.

Illi l-intimat ddepona quddiem dan it-Tribunal, fejn spjega li huwa ghamel kuntatt mad-ditta barranija fl-Ingilterra minn fejn importa din l-istroller, peress li dan kien l-ewwel ilment li kien ircieva ta' din ix-xorta. L-intimat spjega li l-materjal tal-manku ma' kienx kopert mill-garanzija.

Ikkunsidra;

Illi t-Tribunal jirrimarka li l-attrici permezz ta' din il-procedura qieghda titlob rifuzjoni ta' l-ammont ta' tlett mija u tmintax-il ewro, u hamsa u sebghin centezmu (€318.75c), liema ammont jirraprezenta s-somma totali mhallsa minnha ghal istroller. Madankollu mill-provi irrizulta li l-istroller baqghet tintuza mill-attrici, anke' wara li hareg it-tqaxxir fil-manku. Effettivament, l-attrici stess tikkonferma dan in kontro ezami, u tispjega li *'l-istroller baqghet tintuza u d-difett huwa fil-materjal u mhux fil-funzjoni taghha.'*

Ghaldaqstant in vista ta' din id-dikjarazzjoni ta' l-istess attrici, certament li t-talba kif avvanzata minnha hija wahda eccessiva.

Illi t-Tribunal wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, jirrileva li minkejja l-premess, dan ma jnaqqas xejn mill-obbligu tal-kummercjant li jipprovdi l-prodott lil konsumatur li jkun ta' kwalita tajba. Tenut kont tas-suespost, u in vista li t-tqaxxir hareg fuq perjodu ta' inqas minn sena minn meta l-istroller gie akkwistat, hija l-fehma kunsiderata tat-Tribunal li l-intimat ghandu jibdel il-manku u l- 'handle bar' ta' l-istroller a karigu tieghu.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi u fic-cirkostanzi tal-kaz, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad it-talba avvanzata mill-attrici ghar-rifuzjoni ta' l-ammont ta' tlett mija u tmintax-il ewro, u hamsa u sebghin centezmu (€318.75c), qieghed jissolecita lil intimat sabiex jissostitwixxi il-manku u l- 'handle bar' ta' l-istroller mixtrija mill-attrici a karigu tieghu.

Kull parti thallas l-ispejjez inkorsi minnha f'dawn il-proceduri.

Avv. Dott. Charmaine Cherrett

Arbitru